MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 1328/1998/1

**Paolo Bonnici Limited**

**vs**

**Ivan Meli**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu s-socjetà attrici, wara illi ppremettiet li l-konvenut hu debitur taghha fl-ammont ta' Lm1654.08,3 (elf sitt mija u erbgha u hamsin lira Maltin u

tmien centezmi u tlett millezmi) prezz ta' merkanzija varja principalment cikkulata lilu mibjugha u kkonsenjata; illi l-ammont hu likwidu cert u dovut, u fil-fehma tas-socjetà attrici (*affidavit* Dok A anness) l-konvenut m'ghandu l-ebda eccezzjoni x'jaghti biex jikkontesta t-talba ghall-hlas; li l-konvenut baqa' inadempjenti nonostante interpellazzjoni bonarja w ufficjali; talbet ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma msemmija ta' Lm1654.08,3 (elf sitt mija erbgha u hamsin lira Maltin u tmien centezmi u tlett millezmi) prezz ta' merkanzija varja, principalment cikkulata lilu mibjugha u konsenjata, u dana in vista tal-*affidavit* Dok A anness, bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza fit-termini tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap. 12; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-23 ta' Frar, 1998 tal-ittra ufficjali tas-6 t'April, 1998, bl-imghaxijiet legali mill-istess data, bl-ispejjez tal-mandati kawtelatorji ta' Qbid u Sekwestru pprezentati kontestwalment, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà attrici, konfermata bil-gurament minn Kevin Magri, il-lista tax-xhieda u n-nota tad-dokumenti relattivi;

Rat id-digriet tal-hmistax (15) ta' Lulju, 1998 illi permezz tieghu l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ordnat illi l-kawza ssir fil-kors normali taghha u tat il-fakoltà lill-konvenut illi jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur stante illi l-bejgh u l-konsenja tal-merkanzija mertu tal-kawza odjerna saret lis-socjetà RGM Trading Limited;
2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-merkanzija konsenjata ma kienitx tal-kwalità pattwita hekk kif ser jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat is-sentenza tas-sitta u ghoxrin (26) ta' April, 2001 illi permezz taghha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u laqghet it-talba attrici billi kkundannat lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' Lm1654.08,3 flimkien ma' l-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenut, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Illi qabel xejn il-Qorti tinnota li fit-talba attrici ghalkemm l-ammont ta' sorte mitlub huwa dak ta' Lm1654.08,3 meta l-istess ammont gie ndikat bi kliem tnizlet il-kelma 'elfejn' minflok il-kelma 'elf' u ghalhekk *ai termini* tal-**artikolu 175(3) tal-Kap 12** tordna l-korrezzjoni fit-talba attrici b'dan li tissostitwixxi l-kelma 'elfejn' bil-kelma 'elf' u dan stante li jirrizulta car la dan kien semplicement zball dattilografiku.

"Illi s-socjetà attrici qed issotni li l-konvenut hu debitur taghha fl-ammont imsemmi li hu prezz ta' merkanzija varja principalment cikkulata lilu mibjugha w ikkonsenjata. Illi fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu, il-konvenut sostna li huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur stante illi l-bejgh u l-konsenja tal-merkanzija mertu tal-kawza odjerna saret lis-socjetà RGM Trading Limited. Inoltre bla pregudizzju ghal tali eccezzjoni, hu eccepixxa wkoll illi l-merkanzija konsenjata ma kienitx tal-kwalità pattwita peress li l-istess cikkulata kienet mimlija dud.

"Illi fl-*affidavit* tieghu **Kevin Magri**, li hu *director's assistant* mas-socjetà attrici u li ghandu r-rapprezentanza guridika taghha, ikkonferma li meta giet prezentata c-citazzjoni l-ammont dovut kien ta' Lm1654.08,3. Hu spjega li l-konvenut ghandu *retail outlet* fil-Malta International Airport, u l-merkanzija cioè c-cikkulata giet lilu kkonsenjata hemmhekk kif jirrizulta mill-*invoices* esebiti. Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, huwa rrileva li meta l-konvenut iffirma l-*Credit Application Form* (Dok CAF) fil-21 ta' Awissu 1997 huwa assuma r-responsabilità personali ghall-hlas. Huwa ghamel ukoll riferenza ghall-kawza fl-ismijiet *Paolo Bonnici nomine vs Norman Zammit* - deciza fl-1 ta' Gunju 1994 mill-Qorti tal-Kummerc.

"Illi rigward il-kwalità tac-cikkulata, s-socjetà attrici tinsisti li din giet ikkonsenjata fi stat tajjeb u mhux bid-dud. Zied li

inoltre hu essenzjali li ghall-preservazzjoni tac-cikkulata din tinzamm f'kundizzjonijiet ambjentali favorevoli. Ic-cikkulata ma tistax tithalla fix-xemx jew f'post shun; skond il-manifatturi taghha, hu rakkomandat li din tinzamm f'temperatura ta' bejn 15$^{o}$C u 18$^{o}$C. Illi ghalhekk jekk ic-cikkulata saritilha xi hsara din kienet konsegwenza tal-fatt li fejn kienet qed tinzamm, fl-i*stores* tal-konvenut, il-kundizzjonijiet ambjentali ma kienux sodisfacenti. Inoltre qal li l-konvenut beda jilmenta mill-kwalità tac-cikkulata aktar minn sitt xhur wara l-konsenja.

"Illi fl-*affidavit* tieghu l-konvenut **Ivan Meli** jsostni li n-negozju in kwistjoni oggett tal-kawza odjerna kien bejn is-socjetà attrici u l-kumpanija RGM Trading Ltd li taghha hu l-*managing director*. Il-fatt illi s-socjetà RGM Trading Ltd xtrat il-merkanzija konsistenti f'cikkulata mis-socjetà attrici johrog b'mod car mill-kuntratt datat 23 t'April 1997 (Dok IM1). Illi mill-*Credit Application Form* (Dok CAF a fol 35 tal-process) skond ix-xhud jirrizulta illi l-merkanzija kienet destinata ghall-hanut fl-ajruport ta' Hal-Luqa. Inoltre qal illi l-merkanzija giet effettivament *delivered* fil-hanut operat minn RGM Trading Ltd. Huwa qal li ghalkemm ma jidhirx mill-*Credit Application Form* fil-fatt hu ffirma fil-kapacità tieghu bhala *managing director* tal-kumpanija RGM Trading Ltd u mhux fil-kapacità tieghu personali.

"Hu spjega li hu kien iffirma l-*Credit Application Form* (Dok CAF) meta s-*salesman* tas-socjetà attrici Carmen Vella giet biex jiddeliverjaw il-merkanzija li kien ordna. Dan kien fil-21 t'Awissu 1997 u kienet qaltlu illi biex ihallulu l-merkanzija kellu bilfors jew ihallashom *cash* (li ma kien[x] awtorizzat li jaghmel mill-kumpanija, u fl-istess waqt ried jara f'liema stat kienet il-merkanzija); jew inkella jiffirma l-*Credit Application Form* tas-socjetà attrici. Ghalhekk hu hass li ma kellux alternattiva hlief li jiffirma l-*Credit Application Form*. Hu qal li din Carmen Vella kienet spjegatlu illi din il-karta kellhom bzonnha peress li kellhom xi arrangament mal-Bank taghhom fis-sens illi l-istess Bank kien itihom il-facilità illi jittrasferixxu l-kreditu fuq il-Bank.

"Huwa qal li qabel kien iffirma l-*Credit Application Forms* ta' kumpaniji ohrajn, però qatt ma kien hemm klawsola bhal dik kontenuta fid-Dok CAF li biha assuma responsabbilità personali ghall-merkanzija li kienet qed tixtri l-kumpanija tieghu. Kwindi meta gie biex jiffirma l-*Credit Application Form* in kwistjoni ma qghadx jaqraha bir-reqqa peress li qatt ma basar illi ser ikollha din il-klawsola. Skond ix-xhud is-*sales manager* imisslidjatu ghax hi kienet spjegatlu li l-karta kellha x'taqsam biss mal-facilità li kellhom mal-Bank. Hu qal li kieku kien jaf ma kienx jaccetta li jiffirmaha. Inoltre qal illi hu sab li c-cikkulata kienet kollha mdewda u ma kienitx tal-kwalità pattwita. Illi ghalhekk is-socjetà attrici missha l-ewwel fethet kawza kontra s-socjetà RGM Trading Ltd, u *se mai* jekk ma tissodisfax il-kreditu taghha, tipprocedi kontrih personalment.

"Illi dawn ix-xhieda huma l-unici prova li ngabu miz-zewg nahat, apparti d-Dok CAF innifsu. Illi mill-provi prodotti din il-Qorti hi sodisfatta li l-konvenut intrabat personalment sabiex ihallas. Dan nonostante l-fatt li rrizulta bla ebda dubju li l-merkanzija giet konsenjata lil RGM (Trading) Ltd f'Hal Luqa. Illi rrizulta minn Dok CAF (a fol 35 tal-process) li hi l-*Credit Application Form* datata 21 t'Awissu 1997, il-konvenut inghata l-possibilità li jixtri bi kreditu merci, sa limitu ta' Lm5,000. Illi l-konvenut iddikjara li:
'*… I undertake personal responsibility for payment within the approved credit limit/terms*.'

"Illi bis-sahha ta' din l-obbligazzjoni, id-dejn in kwistjoni fi kwalunkwe kaz sar dejn personali tal-konvenut u kwindi huwa l-istess konvenut li hu debitur tas-socjetà attrici, nonostante li l-merci rciviethom is-socjetà tieghu. Inoltre jinghad, li l-fatt li hu kien iffirma *credit application forms* ohra [li] ma kienx fihom tali klawsola u kien ghalhekk li hu ffirma minghajr ma kkunsidra bir-reqqa x'kien qed jiffirma certament mhix raguni valida biex tiskolpah. Meta persuna tkun se tiffirma xi dokument dejjem ghandha tara u tikkunsidra qabel ma taghmel dan."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi tigi revokata s-sentenza tas-26 ta'

April, 2001 billi jigu michuda t-talbiet attrici jew, fin-nuqqas l-atti jigu rimandati lill-ewwel Qorti sabiex jinstemghu il-provi dwar it-tieni eccezzjoni u, okkorrendo, jigu sanati d-difetti procedurali esposti;

Rat ir-risposta tas-socjetà attrici appellati illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettiet illi l-aggravji tal-appell tal-appellant huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza appellata tigi kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenut appellant kontra s-sentenza appellata, fil-kliem testwali tar-rikors ta’ appell, huwa s-segwenti:
“(a) illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tikkundanna lill-esponenti jhallas l-ammonti fuq indikati a bazi tal-*credit application form* (fol. 35) iffirmata minnu a nom tas-socjetà RGM Trading Ltd. kif ukoll f’ismu personali stante illi l-emendi li saru ghall-Kodici Civili fil-1995 ghar-rigward il-komunjoni ta’ l-akkwisti jipprefiggu li ghall-atti amministrattivi ta’ natura straordinarja hemm bzonn *ex lege* l-kunsens espress u l-firem taz-zewg konjugi, liema rekwizit ma jirrizultax;

(b) illi l-gudizzju m’huwiex integru statne illi l-esponenti huwa mizzewweg u, ghaldaqstant, l-istess proceduri kellhom jinfethu ukoll kontra l-mara tal-konvenut appellanti;

(c) illi l-*credit application form* (fol. 35) hija garanzija *sussidjarja* u, per konsegwenza, is-socjetà appellata kellha l-ewwel tenforza l-kreditu pretiz taghha kontra l-kumpanija RGM Trading Limited, li taghha l-esponenti hu direttur, u imbaghad, sussegwentement, jekk dawk il-

proceduri ma jirnexxux, tipprocedi kontra l-esponenti fil-kapacità tieghu personali; u

(d) illi l-Ewwel Qorti ma setghetx tghaddi ghas-sentenza finali meta l-Ewwel Qorti kienet a fol. 16 u 36 espressament ordnat li l-provi jingabru dwar *l-ewwel eccezzjoni* tal-konvenut, cioè dik li ma kienx il-legittimu kontradittur, izda kellha semmai tghaddi ghas-sentenza preliminari dwar l-ewwel eccezzjoni";

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji (a) u (b) qed jigu trattati flimkien u qed jigu respinti ghaliex, kif qalet tajjeb is-socjetà attrici appellata fir-risposta ta' l-appell taghha, dawn l-aggravji jammontaw ghal eccezzjonijiet illi ma gewx sollevati fl-ewwel istanza u illi ma jistghax jigu sollevati fi stadju ta' appell;

Tajjeb illi jinghad, però, illi anke kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, kellu jigi konsidrat illi dawn l-eccezzjonijiet kienu sollevabbli f'dan l-istadju, xorta wahda l-aggravji relattivi mhux fondati ghaliex, apparti konsiderazzjonijiet ohra, fl-atti processwali ma tirrizultax il-prova skond il-ligi illi l-konvenut huwa mizzewweg;

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghall-aggravju (c), dina l-Qorti mhux biss ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-appellant "illi l-*credit application form* (fol. 35) hija garanzija *sussidjarja*" izda hija tal-fehma illi, skond l-istess *credit application form*, ghar-rigward tan-negozju in kwistjoni, is-socjetà attrici ghandha debitur wiehed: il-konvenut fil-kapacità tieghu personali;

Illi, ghalhekk - apparti konsiderazzjonijiet ohra - l-aggravju (c) mhux fondat u qed jigi respint;

Ikkunsidrat:

Illi anqas l-aggravju (d) ma huwa fondat ghaliex, fil-fehma ta' dina l-Qorti, il-verbal ta' l-udjenza mizmuma mill-ewwel

Qorti fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar, 2001 (fol. 49) ma jhalli ebda dubju illi dakinhar il-kawza giet differita ghas-sitta u ghoxrin (26) ta' April, 2001 ghas-sentenza minghajr ebda rizerva. Tajjeb illi jigi riprodott l-imsemmi verbal kollu:
"Meta ssejhet il-kawza deher Dr. R. Rossignaud u Kevin Magri ghas-socjetà attrici.

Il-konvenut u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi ma dehrux.
Dr. Rossignaud jitlob li l-kawza tibqa' ghas-sentenza.
Inghata Digriet:
Peress li l-kawza illum kienet ghall-provi kollha tal-konvenut li la deher u lanqas ressaq provi.

Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' April 2001." (sottolinear ta' dina l-Qorti)

Ma jirrizultax illi l-konvenut ghamel xi talba sabiex tigi sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza u fis-26 ta' April, 2001 is-sentenza appellata giet debitament pronunzjata;

Huwa utili illi jigi rilevat illi n-nuqqas tal-konvenut u tal-legali tieghu illi jidhru waqt l-imsemmija udjenza tas-27 ta' Frar, 2001 ma kienx kaz izolat. Infatti, mill-atti processwali jirrizulta illi l-ahhar darba illi kienu prezenti il-konvenut u l-legali tieghu kienet waqt l-udjenza tal-wiehed u tletin (31) ta' Mejju, 1999 (fol. 41). Huma naqsu illi jidhru fl-udjenzi tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar, 2000 (fol. 43), tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar, 2000 (fol. 45) u tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru, 2000 (fol. 48), waqt liema udjenzi l-konvenut kellu jressaq il-provi tieghu. Dan l-atteggjament tal-legali tal-konvenut ippersista anke quddiem dina l-Qorti ghaliex huwa naqas illi jidher waqt l-udjenza tas-sbatax (17) ta' Frar, 2004, id-data meta l-appell gie appuntat ghas-smiegh;

Ghalhekk, huwa f'waqtu hafna s-segwenti kumment tas-socjetà attrici, maghmul fil-penultimu paragrafu tar-risposta ta' l-appell taghha (fol. 73):

“Mhux sewwa li l-appellant jilmenta mill-operat korrett tal-Qorti - meta kien certament l-obbligu tieghu li jattendi u jipproduci l-provi”;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------